MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Numru. 119/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Lucia Saliba bint Francis Saliba u Antonia nee' Farrugia,
imwielda fl-24 ta' Ottubru, 1964 u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici
tal-karta tal-identita' numru 41764(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l' hawn fuq imsemmija Lucia Saliba li giet akkuzata talli nhar id-9 ta' Frar, 2008 ghal habta ta' 19:30hrs fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex:

1) volontarjament kisret il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u/jew glied u/jew storbju;
2) u aktar talli fl-istess data, hin u post insulentat bil-kelma 'iswed' lil Patrick Camilleri u bil-kelma 'imsawta' lil martu Michelle Mary Camilleri;
3) u aktar talli fl-istess data, lok u hin ghal habta ta' 20:15hrs insulentat bil-kliem lil Annunziata k/a Nancy Camilleri;
4) Kisret garanzija tal-Qorti li tobbligaha li ma tkellimx lil Patrick Charlie Camilleri;
5) Aktar talli saret recidiva ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 339(e) u 338(dd) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jidher illi hemm dizgwid bejn il-familja Saliba u l-familja Camilleri;

Illi l-Qorti temmen illi f'dan l-incident inghad diskors kemm mill-imputata fil-konfront tal-kwerelant, kif ukoll mill-kwerelant Patrick Charlie Camilleri fil-konfront ta' l-imputata li spiccaw jghajru lil xulxin;

Illi l-imputata wkoll qalet diskors fil-konfront ta' ohtha u ghalkemm ma ssemmewx ismijiet, madanakollu l-Qorti thoss illi l-indikazzjoni mid-diskors li nghad kien qed jinghad fil-konfront tal-kwerelanta;

Illi ghar-rigward tar-recidiva u l-garanzija ma tressqux provi;

Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u

tikkundannaha ammenda ta’ hamsa u ghoxrin Euro (€25) kull wahda u tilliberaha mill-kumplament;

Il-Qorti qeghda twissi lill-hatja a tenur ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap 9 biex bl-ebda mod ma tkellem jew tavvicina lil Patrick Charlie Camilleri u Annunziata Camilleri taht penali ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------